31999R1836

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1836/1999
ta' l-24 ta' Awissu 1999
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 [1] dwar in-nomenklatura ta' tariffi u statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1506/1999 [2], u b'mod partikolari Artikolu 9,

(1) Sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa għar-Regolament imsemmi, hemm bżonn li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(2) Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kollha kemm hi jew li għandha parti minnha bbażata fuqha jew li żżid kwalunkwe suddiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan li tiġi applikata tariffa jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' oġġetti;

(3) Billi, bi qbil mar-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa għar-Regolament preżenti għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ix-xierqa indikati fil-kolonna 2, b'virtù tar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3;

(4) Billi tiġi aċċettata li l-informazzjoni li torbot dwar it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, tista' tibqa tiġi nvokata taħt id-dispożizzjonijiet f'Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità [3], kif l-aħħar emendata mir-Regolament tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew (KE) Nru 955/1999 [4], għal perjodu ta' tlett xhur mill-pussessur;

(5) Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet NM ix-xierqa indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Awissu 1999.

Għall-Kummissjoni

Karel VAN MIERT

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 175, ta' l-10.7.1999, p. 7.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[4] ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Preparazzjoni fil-għamla ta' soluzzjoni li tinkludi bil-piż madwar 84 % ilma, 15,6 % zokkor, 0,4 % aċidu ċitriku u 0,01 % sostanza li tagħti togħma Il-prodott li għandu ħajja ta' ħżin limitata, jitpoġġa f'lott	2106 90 59	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenrali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-formular tal-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 2106 90 u 2106 90 59 Minħabba li ma jistax jiġi kkunsmat immedjatament bħala xarba, il-prodott mhuwiex kopert bl-intestatura 2202. Minħabba ż-żjieda tas-sostanza li tagħti togħma, għandu jiġi kkunsidrat bħala xiropp miżjud b'togħma.
2. Preparazzjoni fil-għamla ta' soluzzjoni li tinkludi bil-piż madwar 84 % ilma, 16 % zokkor, 0,2 % aċidu ċitriku Il-prodott li għandu ħajja ta' ħżin limitata, jitpoġġa f'lott	2106 90 98	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenrali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-formular tal-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 2106 90 u 2106 90 98 Minħabba li ma jistax jiġi kkunsmat immedjatament bħala xarba, il-prodott mhuwiex kopert bl-intestatura 2202.